**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**
**(Spettur Claudine Vella)**
**(Spettur James Grech)**

**vs.**

**Jason Emanuel Briffa**
**Sean Vella**

Numru 986/2004

Illum id-disgha (9) ta' Jannar 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Jason Emanuel Briffa,** ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Gaetano u Aida Maria xebba Cunningham, imwieled Awstralja nhar id-9 ta' Dicembru 1974, residenti "Madonna tal-Girgenti", Triq it-Tigrija, Rabat, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 121193(M)

u

**Sean Vella**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Joseph u Maria Dolores neé Camilleri, imwieled Pietà, nhar il-5 ta' Settembru 1981, residenti "Conrod", Triq Ghajn Qajjet, Rabat, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 5000081M

akkuzati talli:

1. nhar it-12 ta' Novembru 2004 f'tas-Sliema, ghall-habta ta' 1.45am, bil-hsieb li jikkommettu delitt, u cioé serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li jiskorri Lm1,000[1] (elf Lira Maltin) minn fond *Royal Art Gallery* sitwat fi Triq ix-Xatt, Sliema, ghad-detriment ta' Leopoldo Pillow, wrew dan il-hsieb b'atti esterni, u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom.

**<u>Lil Jason Emanuel Briffa wahdu</u>**:

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 104) datata 3 ta' Ottubru 2005 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

**<u>fil-konfront ta' Jason Emanuel Briffa</u>**:

(a) fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, u 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;

**<u>fil-konfront ta' Sean Vella</u>**:

(a) fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kodici Kriminali.

[1] Ekwivalenti ghal €2329.37.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2005 (*a fol.* 103), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-3 ta' Ottubru 2005 (*a fol.* 104), f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 302a *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tal-25 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 339) u tad-19 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 343), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza ghan-nom taz-zewg imputati jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduti tal-15 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 344) u tal-24 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 346), lill-imputati jiddikjaraw li kienu ser jaghzlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri u semghet lid-difiza ghan-nom taz-zewg imputati tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-22 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 347 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2017, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm tad-difiza ghan-nom taz-zewg imputati (*a fol.* 354 *et seq*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2004, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Silvio Valletta** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn spjega li fit-12 ta' Novembru 2004 ghall-habta tas-2.30am gie nfurmat li l-Pulizija

kienu rcevew rapport minn ghand certu Leo Pillow li ghandu *showroom [Royal Art] Gallery* fejn dan qal li kien ra zewg persuni jippruvaw jisgassaw ix-*showroom*. Jghid li l-Pulizija ha n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li kien HAS 415. Spjega li l-Pulizija ghamlu *patrol* u li fi triq ftit il-boghod minn fejn hemm l-*Art Gallery*, li tinsab fi Triq ix-Xatt, fejn il-*Forestals*, kien hemm vettura li fiha kien hemm iz-zewg imputati. Jghid li l-vettura hija registrata f'isem l-imputat Vella u li fil-vettura l-Pulizija sabu turnavit kbir, par kalzetti u lieva. Xehed fuq dak li qallu Pillow li ra liz-zewg persuni qeghdin hdejn ix-*showroom* tieghu u qallu li wiehed minnhom kien liebes gakketta sewda u li beda jipprova jmiss ix-*shutter*, jghollieh u l-iehor kien liebes gakketta hamra u prova jgholli bil-lieva. Jghid li Pillow qallu li kien f'dak il-hin li hu cempel lill-Pulizija. Jixhed li Pillow qallu li hekk kif qasam it-triq biex jara x'kienu qed jaghmlu dawn iz-zewg persuni, dawn il-persuni qasmu u rikbu fil-vettura u telqu l-hemm. Spjega x'qalu z-zewg imputati fl-istqarrijiet rilaxxati minnhom. Jghid li l-imputati gew imressqa l-Qorti peress li meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu sinjali ta' sgass u minhabba li Pillow stess rahom jaghmlu dawn l-affarijiet. Ezebixxa s-segwenti: (a) stqarrija tal-imputat Briffa li giet immarkata bhala Dok. "JB" (*a fol.* 21 *et seq.*), (b) stqarrija tal-imputat Vella li giet immarkata bhala Dok. "SV" (*a fol.* 24 *et seq.*), (c) formalment il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAS 415 immarkata bhala Dok. "SV 1", u (d) zewg sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat Briffa (*a fol.* 28 u *a fol.* 38).

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid fejn instabu z-zewg imputati wara li dahlet l-informazzjoni minn Pillow, wiegeb li, jekk mhux sejjer zball, dawn instabu f'Triq it-Torri, tas-Sliema.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2004, xehed ukoll **PS 1136 Fabian Fleri** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn qal li fit-12 ta' Novembru 2004 ghall-habta tas-1.50am gew infurmati li kien hemm zewg persuni qed jippruvaw jisgassaw ir-*Royal Art Gallery* li jinsab bieb ma' bieb mal-*Forestals* fix-Xatt tal-Gzira. Jghid li mar mill-ewwel fuq il-post fejn sab lil Leo Pillow (wiehed mid-diretturi tal-kumpanija) li qallu li kien hemm zewg min nies, wiehed minnhom liebes qmis skura u iehor liebes gakketta hamra li kienu qed jippruvaw jisgassaw ix-*shutter* tal-hanut tieghu. Jghid li Pillow qallu li dawn telqu minn

fuq il-post b'vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAS 415 u marru fid-direzzjoni ta' tas-Sliema. Jghid li saret *patrol* fiz-zona u hdejn it-torri ta' tas-Sliema fejn giet innutata vettura li giet imwaqqfa fejn il-*Park Towers* f'San Giljan u li fiha kien hemm Jason Emanuel Briffa u Sean Vella. Jghid li minn tfittxija li saret fil-vettura, fl-art, quddiem is-*seat* tal-passigier, instabu turnavit, lieva u par kalzetti suwed. Jghid li l-imputati nnegaw li kienu fin-nahat tal-Gzira. Ezebixxa kopja tar-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "A" (*a fol.* 31 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2004, xehed ukoll **Christopher Darmanin** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa skrivan mad-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet tal-vetturi. Spjega li minn ricerka li saret fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAS 415 irrizulta li din hija tal-ghamla Toyota Marina ta' kulur blu u li mit-18 ta' Novembru 2002 sa dakinhar li xehed kienet registrata f'isem Sean Vella (I.D. Nru. 500081(M)). Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "B" (*a fol.* 37).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2004, xehed **Leopoldo Pillow** (*a fol.* 50 *et seq.*) fejn spjega li huwa direttur tan-negozju bl-isem *Royal Art Gallery* u li l-*premises* huma ta' Saviour Lofaro. Jghid li dan il-fond huwa *casa bottega*. Spjega li huwa jiehu hsieb il-hanut u kif ukoll lil Lofaro peress li marid bil-kliewi u li hu (Pillow) johrog barra biex ma jorqodx ghax kull tliet sieghat irid jaghmillu d-*dialysis* lil Lofaro. Jghid li meta kien gej lura ra zewg minn nies suspettuzi vicin ix-*showroom*. Jghid li dawn kienu pparkjati ezatt quddiem il-hanut u li hu pparkja u kif rawh, telqu bil-vettura lejn tas-Sliema f'liema hin ha n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura u huma regghu marru ghat-tieni darba quddiem il-hanut. Jghid li fil-frattemp huwa kien faccata u kien qed ipejjep biex jghaddi l-hin u rega' ra l-vettura. Jghid li segwihom ghax kien mar ix-Xatt, gew lura u regghu pparkjaw hemm. Jghid: *"In the meantime mort faccata u mbaghad jigifieri hargu mill-karozza u qaghdu bil-qieghda u regghu dahlu u mbaghad marru fix-shutter u pruvaw jiskussaw ix-shutter 'l fuq"* (*a fol.* 51). Jixhed li cempel 191. Mistoqsi jghid x'kien in-numru tal-vettura, jghid li ma jiftakrux pero jghid li kien tah lill-Pulizija. Jghid li kienet Toyota Light *blue* minkejja li beda jaraha Alfa Romeo *silver*.

Jghid li kif cempel 191, infurmahom x'kienet it-tip ta' vettura u meta gie mistoqsi jghid in-numru tal-vettura, qalilhom in-numru li kien miktub fuq karta fil-vettura. Jghid li meta kien qed icempel in-numru 191, assuma li z-zewg persuni li ra semghuh ghax kien hemm *eye contact* u huma regghu marru fil-vettura. Jghid li meta dahlu fil-vettura, poggew xi haga u qasmu u gew faccata tal-bahar. Mistoqsi jghid jekk rax wicc dawn iz-zewg persuni, wiegeb: *"Wicchom as such le minn faccata"* (*a fol.* 53). Jghid li mentri wiehed kien liebes gakketta hamra, l-iehor kellu gakketta skura. Mistoqsi jghid x'ried ifisser meta qal li dawn iz-zewg persuni bdew imissu x-*shutter*, wiegeb: *"Dahlu xi affarijiet taht il-bicca tax-shutter"* (*a fol.* 53). Jghid li minn faccata ma setghax jara jekk hux hadida jew leva pero kkonferma li kellhom xi haga f'idejhom u li beda jara x-*shutter* jisgassa ruhu 'l fuq. Jghid li gewwa kien hemm Lofaro. Jixhed li kif iz-zewg persuni li ra saqu u waslu sa fejn Sliema Hotel, waslet l-ewwel vettura tal-Pulizija u wara xi hin waslu xi erba' jew hames vetturi ohra.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li meta giet lura l-vettura t-tieni darba huwa kien fuq in-naha l-ohra ta' The Strand u li kien fuq in-naha tal-bahar. Jichad li l-vettura waqfet fuq din in-naha tat-triq pero' jghid li waqfet quddiem il-hanut ezatt fl-istess post fejn kienet l-ewwel darba. Jghid li hu pparkja quddiem it-Turkish u jaqbel li dan jinsab ftit metri 'l boghod mix-*showroom* tieghu. Jghid li dan kollu gara ghall-habta tas-1.15am. Jispjega li l-ewwel li ra kienu z-zewg persuni li dehru suspettuzi. Mistoqsi jghid jekk f'dan il-mument kienux ghadhom fil-vettura wiegeb: *"Le, le kif wasalt jien ssuspettajt ghidt dan il-hin, u jharsu fil-windows u wiehed fix-shutters ta' lil hemm ghax ghandna tlett apertures, wiehed fix-shutter ta' lil hawn u l-iehor hemm, u kif bdew iharsu gewwa, allura pparkjajt hekk, u mbaghad kif raw li pparkjajt hemm dahlu gol-karozza. Hemm ssuspettajt hazin jien"* (*a fol.* 57). Jghid li mbaghad ra l-vettura hemmhekk. Jghid li saq warajhom, kif wasal quddiem Sliema Hotel hemmhekk kellhom jislowjaw ghax kien hemm *tower crane* qed jiehu nofs it-triq u hemmhekk hadilhom in-numru tal-vettura. Jghid li kif wasal ix-Xatt tela' minn Triq it-Torri u huma daru lejn il-Gzira u hu nizel minn Triq Bisazza u kif nizel minn Triq Bisazza kienu pparkjati quddiem il-*bus stop* ta' The Strand, Sliema. Jghid li hu baqa' jsuq u

saq lejn il-Gzira. Ikkonferma li kienu fuq il-karreggjata tan-naha tal-bahar ipparkjati quddiem il-*bus stop* ta' quddiem l-i*Square Deal*. Jghid li hu baqa' jsuq u kif wasal qisu fejn il-*Black Gold*, faccata, dejjem in-naha tal-bahar, fil-mera jilmah il-vettura gejja warajh. Jghid li baqa' jsuq u aktar il-fuq ghamlu *u-turn* u regghu daru lejn tas-Sliema. Jghid li hu baqa' ghaddej u dar minn Triq Testaferrata lejn tas-Sliema u li mbaghad ra l-vettura fil-boghod. Jghid li pparkja fi triq laterali, qasam faccata u qaghad bil-qieghda fuq ic-cint. Jghid li hemm hekk ra li ra. Jixhed li hekk kif iz-zewg persuni hargu mill-vettura, poggew bil-qeghda fuq it-targa tal-*Forestals*. Jghid li wiehed minnhom qam u beda jhares fil-gallerija fuq u regghu poggew, ghaddew xi turisti, ghadda l-hin u regghu gew u mbaghad f'daqqa wahda dahlu fil-vettura, hargu u marru ghax-*shutte*r. Jghid li hemmhekk kellu n-numru 191 lest. Ikkonferma li ra x-*shutter* qed jiskossa u kkonferma wkoll li x-*shutter* kien qed jigi sgassat minn zewg punti f'daqqa. Spjega x'qal meta cempel in-numru 191 f'liema hin informa lil 191 b'lehen gholi biex jibghatu lil xi hadd, u *"imbaghad f'daqqa wahda semghuni u dahlu fil-karozza u qasmu lejn in-naha tieghi. Harsu lejja u regghu qasmu u dahlu fil-karozza u telqu"* (*a fol.* 60). Jghid: *"il-Pulizija qalli meta qabduhom, qalli ma naghtikx tort ghax bil-lejl meta qbadniehom hsibnieha Alfa Romeo silver biex nkun ghidt kollox"* (*a fol.* 61). Mistoqsi jghid jekk apparti l-vettura huwa qattx ipprova jidentifika lil xi hadd partikolari, wiegeb fin-negattiv u qal li huwa jista' jghid biss x'kienu lebsin u l-istatura taghhom.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Frar 2005, xehed is-**Sur Joseph Zammit** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn spjega li huwa ezamina l-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HAS 415 u ghamel stima taghha u tal-hsara li sab fuqha. Jghid li l-valur taghha huwa dak ta' Lm1500 u li l-hsara biex tigi trangata tlahhaq Lm320. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JZ" (*a fol.* 74 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 353), id-difiza ghan-nom taz-zewg imputati stiednet lill-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni

tal-istqarrijiet[2] rilaxxati miz-zewg imputati u dana minkejja li d-difiza kienet konxja tal-fatt li dawn l-istqarrijiet gew mehuda fis-sena 2004, cioé fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx taghti jedd lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha.

Illi fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat Jason Briffa (Dok. "JB" – *a fol.* 21 *et seq.*) meta Briffa gie mistoqsi jghid fejn kien jinsab fit-12 ta' Novembru 2004 ghall-habta tas-1.30am, huwa wiegeb li kien qieghed fejn Sean fil-hanut li ghandu fir-Rabat. Jghid li wara li ghalaq il-hanut, marru dawra bil-vettura lejn tas-Sliema. Jghid li hu kien qed isuq il-vettura ta' Sean peress li Sean kien qed ihossu ma jiflahx. Jghid li meta Sean kien qed ihossu ma jiflahx, hu (Briffa) waqaf fejn il-*Forestals* u hu (Briffa) hareg mill-vettura u qaghad ipejjep fejn din ix-*showroom*. Jghid li anke Sean hareg ukoll u qaghad bilqeghda. Meta mistoqsi jghid ghala ma hax lil Sean id-dar ladarba Sean kien qed ihossu ma jiflahx, wiegeb li hu (Briffa) haseb li Sean kien ser jirregetti. Filwaqt li jammetti li kienu fejn ix-*showroom* tal-pitturi, jichad li kienu ser jisgassaw ix-*showroom*. Meta nghad lilu li Sean fl-ebda hin ma qal li huma kienu waqfu fejn waqfu ghax Sean kien qed ihossu hazin, wiegeb: *"Jien dak li qalli hu dak il-hin"* (*a fol.* 22). Jghid li Sean fl-ebda hin ma rrigetta. Mistoqsi dwar lieva li xhud ra li hu (Briffa) kellu f'idejh u li fil-fatt instabet fil-vettura, wiegeb li hu ma kienx jaf x'inhi lieva u li l-ewwel darba li ra lieva kien meta raha fil-vettura ta' Sean. Jghid li Sean qalilhom li dik kienet tieghu (ta' Sean) u li kien juzaha bhala ghodda. Jichad li ghamel awrina mal-bieba tax-*showroom* tal-pitturi. Mitlub jikkonferma jekk hux minnu li minn tant postijiet biex jieqaf ghax Sean hassu hazin, hu waqaf proprju hdejn ix-*showroom* imsemmija, wiegeb: *"Jien l-ewwel parking li sibt, waqaft"* (*a fol.* 22). Jichad li huwa qatt seraq.

Illi fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat Sean Vella (Dok. "SV" – *a fol.* 24 *et seq.*) jghid li huwa bejjiegh tal-vetturi u ghandu bar fir-Rabat. Meta mistoqsi jghid fejn kien fit-12 ta' Novembru 2004 ghall-habta ta' 1.30am, wiegeb li kien il-hanut ma' Jason Briffa u meta ghalaq il-hanut, marru dawra lejn tas-Sliema, fejn f'hin minnhom waqfithom

[2] Dok. "JB" – *a fol.* 21 *et seq.* u Dok. "SV" – *a fol.* 24 *et seq.*

vettura tal-Pulizija u gew mistoqsija fejn kienu sejrin. Jghid li l-Pulizija staqsewhom x'kienu qed jaghmlu fejn il-*Forestals* u hu (Vella) wiegeb li kienu waqfu ghax Jason Briffa kien waqaf ipejjep sigarett ghax fil-vettura ma jhalliehx ipejjep. Jghid li waqfu fejn il-*Forestals* ghax ix-*showroom* hija mdawwla u *"ma tidhirx kerha li jkun zewg persuni fejn showroom f'dawk il-hinijiet"* (*a fol.* 25). Ghad-domanda: *"Ma tahsibx li biex tieqaf tpejjep sigarett kien ikun ahjar li kieku mort faccata tal-Forestals fejn hemm il-bankijiet u hemm veduta ferm ahjar minn fejn kontu intom, xi tghid ghal dan?"* (*a fol.* 25), wiegeb: *"Ahna konna qeghdin ma' dik in-naha, ma narax li taghmel differenza"* (*a fol.* 25). Jghid li ghandu vettura Toyota Marina bin-numru ta' registrazzjoni HAS 415. Filwaqt li kkonferma li f'hin minnhom kienu fejn ix-*showroom* li jbieghu l-pitturi u antikitajiet, jichad li f'xi hin Jason kien sgassa l-bieb. Mistoqsi jghid x'kienet qed taghmel il-lieva fil-vettura, wiegeb li mal-lieva kien hemm hafna affarijiet ohra li huwa juza fil-*garage*. Jichad li marru darbtejn fejn ix-*showroom* – jghid li marru darba biss. Jichad li hu u Jason Briffa kienu ser jaghmlu xi haga. Jichad li qatt serqu flimkien. Mistoqsi ghala jhoss il-htiega li jgorr lieva fil-vettura tieghu, wiegeb: *"Ghax jien nuza l-lieva minhabba x-xoghol tieghi fuq il-karrozzi u gie li mmur 'l hemm u 'l hawn, ghax jien mhux garage ghandi imma showroom. Per ezempju jekk ikolli karozza wara l-bieb tad-dar tieghi r-Rabat, irrid nuzaha biex nirranga fiha"* (*a fol.* 26).

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz odjern l-imputati qed jigu akkuzati b'attentat ta' serq b'numru ta' kwalifiki mill-fond *Royal Art Gallery*. L-imputat Jason Emanuel Briffa qed jigi akkuzat ukoll li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet *per se* fir-rigward ta' dak li z-zewg imputati qed jigu akkuzati bih fil-kawza odjerna, il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax il-mod li bih giet immexxija l-kawza in kwistjoni mill-Prosekuzzjoni. Jinghad li z-zewg imputati tressqu b'arrest fit-13 ta' Novembru 2004 u li l-kawza hadet xejn aktar minn tlettax-il sena biex tigi konkluza. Jirrizulta li l-kawza giet differita *sine die* darbtejn: darba fis-6 ta' Frar 2009 (*a fol.* 154) u darba ohra fit-

<u>3 ta' Frar 2012 (*a fol.* 255). Ohrog il-ghageb, wara erba' snin u tliet xhur il-Prosekuzzjoni ntebhet li l-kawza kienet giet differita *sine die* u *di fatti* fl-20 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 323) gie pprezentat rikors sabiex il-kawza tigi appuntata mill-gdid, liema talba eventwalment giet milqugha permezz ta' digriet moghti fit-30 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 336).</u>

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni/jiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjoni/ijiet dedotta/dedotti ghandha/ghandhom tigi/jigu pruvata/pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz

**Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Cirkostanzjali**

Illi din il-kawza hija bbazzata fuq provi cirkostanzjali. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 347 *et seq.*) il-Prosekuzzjoni tishaq li dawn il-provi kif esposti fl-atti ghandhom iwasslu ghall-htija tal-imputati ghal dak li gew akkuzati bih. Id-difiza ma taqbilx ma' dan.

Illi l-Qorti ser taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn inghad is-segwenti:

> "Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati

b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil**: *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of*

*guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun**.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni".

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- B'mod generali ghandu jinghad li Leopoldo Pillow kien car u lucidu fid-deskrizzjonijiet li huwa ta meta ta d-depozizzjoni tieghu. Il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita minn dak li huwa rrakkonta, specjalment meta jghid li z-zewg persuni li huwa jghid li ra quddiem il-fond in kwistjoni marru darbtejn u meta jiddeskrivi dak li rahom jaghmlu.

- Meta Leopoldo Pillow gie mistoqsi jghid x'kien in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li huwa ra, jghid li ma jiftakrux pero jghid li kien tah lill-Pulizija.

- Minkejja li Pillow ta deskrizzjoni taz-zewg persuni li huwa jghid li ra u ta' x'kienu lebsin, ghad-domanda jekk rax wicc dawn iz-zewg persuni, huwa wiegeb: *"Wicchom as such le minn faccata"* (*a fol.* 53). Minkejja dan, Pillow jghid ukoll li kien hemm *eye contact*! Il-Qorti tistaqsi: jekk kien hemm *eye contact*, kif jista' Pillow jghid li ma rax iz-zewg persuni li huwa jghid li ra?! Dak li l-Qorti hija certa fuqu hu li l-imputati nnifishom ma gewx identifikati minn Pillow bhala l-persuni li huwa ra. *Di*

*fatti* meta Pillow gie mistoqsi fil-kontro-ezami jekk apparti l-vettura huwa qattx ipprova jidentifika lil xi hadd partikolari, huwa wiegeb fin-negattiv u dana ghajr ghal x'kienu lebsin iz-zewg persuni u l-istatura taghhom.

- Minkejja li l-Ufficjal Prosekutur Valletta xehed li l-imputati gew imressqa l-Qorti minhabba li l-fatt li meta marru fuq il-post kien hemm sinjali ta' sgass u *"minhabba li s-Sur Pillow stess rahom jaghmlu dawn l-affarijiet"* (*a fol.* 18), il-Qorti, filwaqt li tinnota li, kif inghad hawn fuq, Pillow fl-ebda hin ma identifika liz-zewg imputati *per se*, tinnota wkoll li fid-depozizzjoni tieghu s-Sur Valletta fl-ebda hin ma identifika liz-zewg imputati fl-awla!

- Anqas meta xehed PS 1136 Fabian Fleri ma identifika liz-zewg imputati fl-awla u dana minkejja li huwa xehed li meta giet imwaqqfa l-vettura in kwistjoni fiha kien hemm Jason Emanuel Briffa u Sean Vella. Il-Qorti tinnota li fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. "A" (*a fol.* 31 *et seq.*) jinghad hekk: *"The divisional police affected patrol in the area and in Tower Road, Sliema they spotted the vehicle of the culprits being driven towards St. Julians and it was stopped near The Park Towers, St. Julians where the Police spoke to the two persons inside listed as suspects who matched the description given by the complainant/witness"* (*a fol.* 32). Fid-depozizzjoni tieghu, PS 1136 Fleri ma jghidx x'kienu lebsin iz-zewg persuni li gew imwaqqfa fil-vettura in kwistjoni!

- Fl-istqarrijiet rilaxxati miz-zewg imputati, li l-Qorti giet mistiedna tiehu konjizzjoni taghhom mid-difiza ghan-nom taz-zewg imputati fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 353), iz-zewg imputati filwaqt li jichdu kwalunkwe involviment taghhom fir-rigward tal-isgass tax-*showroom*, jichdu wkoll li qatt serqu.

- Huwa minnu li PS 1136 Fabian Fleri jghid li l-imputati nnegaw li kienu fin-nahat tal-Gzira, huwa minnu wkoll li mentri fl-istqarrija tieghu Jason Briffa qal li peress li Sean Vella kien qed ihossu ma jiflahx, hu (Briffa) waqaf fejn il-*Forestals* u hu (Briffa)

hareg mill-vettura u qaghad ipejjep fejn din ix-*showroom*, mentri fl-istqarrija tieghu Sean Vella filwaqt li jghid li marru hdejn ix-*showroom* darba biss, meta gie mistoqsi mill-Pulizija x'kienu qed jaghmlu fejn il-*Forestals*, hu (Vella) wiegeb li kienu waqfu ghax Jason Briffa kien waqaf ipejjep sigarett ghax fil-vettura ma jhalliehx ipejjep pero dan ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-provi migbura jippuntaw ghal direzzjoni wahda kif inhuwa rikjest f'kaz li jkun ibbazat fuq provi cirkostanzjali bhal fil-kaz odjern!

- L-istess pozizzjoni li giet appena dikjarata fil-paragrafu precedenti tirrizulta wkoll meta jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li fil-vettura li ssir riferenza ghaliha fl-atti, cioé dik bin-numru ta' registrazzjoni HAS 415, jinghad li fl-art quddiem is-*seat* tal-passigier instabu turnavit, lieva u par kalzetti suwed.

- Bhala stat ta' fatt biss il-Qorti tinnota li fid-depozizzjoni tieghu, l-iskrivan mid-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet tal-vetturi, cioé Christopher Darmanin xehed li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAS 415 hija tal-ghamla Toyota Marina ta' kulur blu u li mit-18 ta' Novembru 2002 sa dakinhar li xehed kienet registrata f'isem Sean Vella li jghid li ghandu l-Karta tal-Identita' bin-Numru 500081(M). Fid-dokumentazzjoni ezebita minnu (Dok. "B" – *a fol.* 37) jirrizulta li l-imsemmi Sean Vella ghandu l-Karta tal-Identita' bin-Numru 500081(M). Il-Qorti tinnota li n-numru tal-Karta tal-Identita' tal-imputat Sean Vella giet indikata kemm fic-*charge sheet* (*a fol.* 1) u kif ukoll fl-istqarrija mmarkata bhala Dok. "SV" (*a fol.* 24 *et seq.*) bhala 5000081(M) mentri fil-fedina penali *a fol.* 7 u fic-certifikat tat-twelid *a fol.* 9 in-numru huwa imnizzel bhala 500081 u mhux 5000081.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dak li l-imputati gew akkuzati bih taht l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghhom. Isegwi ghalhekk li m'ghandhiex ghalfejn tittiehed in konsiderazzjoni t-tieni (2) imputazzjoni li hija addebitata biss fil-konfront tal-imputat Jason Emanuel Briffa *stante*

li din ghandha tigi biss ikkunsidrata f'kaz li l-ewwel (1) imputazzjoni tkun giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputati humiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputati. Illi dak li jirrizulta fl-atti processwali jista' jindika biss diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda. Il-Qorti tista' tispekula dwar x'involviment setgha kellhom l-imputati madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputati Jason Emanuel Briffa u Sean Vella hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u b'hekk tilliberahom minnhom.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**